

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Lulju 2020 – KR vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-408/20)**

(2020/C 279/65)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* KR (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-25 ta' Ottubru 2019 li tgħid li l-wild tar-rikorrent ma għandux jitqies iktar li huwa dipendenti fuqu fis-sens tal-Artikolu 2 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motiv wieħed ibbażat fuq il-ksur mill-Kummissjoni, minn naħa, tal-kunċett ta' wild dipendenti msemmi fl-Artikolu 2 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea u, min-naħa l-oħra, tal-konklużjoni Nru 223/04 irreveduta, tat-30 ta' Jannar 2013, tal-Kulleġġ tal-Kapijiet tal-Amministrazzjoni tal-Unjoni.

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Lulju 2020 – KS vs Frontex**(Kawża T-409/20)**

(2020/C 279/66)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* KS (rappreżentant: N. de Montigny, avukat)*Konvenuta:* L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni ta' tkeċċija tat-30 ta' Awwissu 2019 kif ukoll, sa fejn ikun meħtieġ, id-deċiżjoni espliċita ta' ċaħda tal-ilment tat-23 ta' Marzu 2020;
- tannulla d-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba ta' assistenza u ta' kumpens tat-13 ta' Frar 2020;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas ta' kumpens għal responsabbiltà mhux kuntrattwali ffissata għas-somma ta' EUR 250 000;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka sitt motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-assenza ta' motivazzjoni u fuq il-ksur tad-dritt għal smiegħ.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-istatus ta' "informatur" previst mill-Artikoli 21a(3) u 22a(3) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq użu ħażin ta' proċedura.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għal proċess xieraq, u b'mod iktar partikolari tad-drittijiet tad-difiża, tal-preżunzjoni ta' innoċenza, tad-dmir ta' diliġenza, tal-obbligu ta' imparzjalità, ta' newtralità u ta' oġġettività, tal-assenza ta' twettiq ta' investigazzjoni sabiex tiġi stabbilita l-verità u l-ġustifikazzjoni tal-motivi ta' ksur ta' fiduċja invokati, tan-nuqqas ta' ugwajjanza bejn l-aġenti.
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur manifest ta' evalwazzjoni.
6. Is-sitt motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dmirijiet ta' assistenza u ta' premura u l-ksur tad-dmir ta' amministrazzjoni tajba u tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

Insostenn tar-rikors kontra d-deċiżjoni li tiċħad it-talba ta' assistenza tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-assenza ta' motivazzjoni u fuq il-ksur tad-dritt għal smiegħ.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-istatut ta' "informatur" previst mill-Artikoli 21a(3) u 22a(3) tal-Regolamenti tal-Persunal.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni.

Insostenn tar-rikors kontra d-deċiżjoni li tiċħad t-talba għal kumpens tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 26 tar-Regolamenti tal-Persunal u tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU 2018, L 295, p. 39).
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dmir ta' premura u ta' amministrazzjoni tajba frabta mal-benesseri fuq ix-xogħol u l-kundizzjonijiet ta' xogħol tal-aġenti kollha.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 21a(3) u 22a(3) tar-Regolamenti tal-Persunal u tad-dmirijiet ta' assistenza, ta' premura u ta' amministrazzjoni tajba.

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Lulju 2020 – Esteves Lopes Granja vs EUIPO – Instituto dos Vinhos do Douro e do Porto (PORTWO GIN)

(Kawża T-417/20)

(2020/C 279/67)

Lingwa tar-rikors: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrent: Joaquim José Esteves Lopes Granja (Vila Nova de Gaia, il-Portugall) (rappreżentant: O. Santos Costa, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Instituto dos Vinhos do Douro e do Porto, IP (Peso da Régua, il-Portugall)